MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 8(2012), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2012, fil-5:00 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Steven Grech (S.G.) |
| | AngeloMicallef (A.M.) |
| | Stephen Caruana (S.C.) |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall (D.H.)

**Aġenda għal-laqgħa :**

---

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Ħatra ta' Bord ta' l-għażla evalwazzjoni għal sejħa għall-offerti numru MXLC03/2012
6. Latrini pubbliċi fil-lokalita'
7. Ħatra ta' membri fi Ħdan is-Sotto-Kumitat għall-infurzar tal-liġi
8. Ħatra ta' Membri is-Sotto-Kumitat Żgħażagħ
9. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
10. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

1. **Qari tal-Minuti**

1.1 A.M. qara il-minuti.

1.2 Is-Sur S.G. qal illi f'para 2.3 wara il-kliem 'isiru xi modifiki', il-kliem 'Wara li' għandu jinbidel mal-kliem 'Fuq parir tas-Sindku'. Il-Kunsill unanimament approva dan il-bdil.

1.3 Wara konsiderazzjoni il-Kunsill fuq mozzjoni tas-Sur A.M. issekondata mis-Sur S.G. unanimament approva il-minuti bħala dokument korrett.

## 2 Arisings mill-Minuti

2.1 Is-Sindku qal illi rigward minuta 2.2 huwa kien ta' l-opinjoni illi sinjali simili għal dawk li kienu ġew proposti fi Triq iż-Żejtun jiġu proposti għal Triq it-Trunċiera . Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi dwar minuta 3.6 huwa kien qiegħed iħejji pjanta u kien qiegħed jipppproponi illi ssir laqgħa li matulha jiġi diskuss is-Suq fil-beraħ. E.M. żied illi għaldaqstant huwa kien qiegħed jipproponi illi tintbagħat ittra lis-Sur Mark Żammit sabiex tinfurmah b'dawn l-iżviluppi. Il-Kunsill unanimament qabel illi dan għandu jseħħ.

2.3 Is-Sur E.M. qal illi rigward minuta 3.8 huwa kien ta' l-opinjoni illi l-Kunsill kellu jibgħat ittra sabiex jinforma lis-Sur Galea illi l-illegalita' ma kenitx twettqet mill-Kunsill Lokali u li l-Kunsill Lokali ħa ħsieb ineħħi l-periklu hekk kif sar ir-rapport. Kien hemm qbil unanimu dwar din l-azzjoni.

2.4 Is-Sur E.M. qal illi rigward minuta 3.15, kienu saru tentattivi sabiex isir kuntatt mas-Sur Marven Ellul illi madanakollu ma taw ebda riżultat. Huwa żied li fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill Lokali kellu jibda' jaħdem sabiex tiġi ppreparata sejħa għall-offerti. E.M. żied jgħid illi huwa kien tal-fehma illi s-sejħa għall-offerti tinħareġ b'tali mod illi l-offerenti jingħataw *bracket finanzjaru* flimkien ma' obbozz ta' x'kien qiegħed jitlob il-Kunsill Lokali u jitħallew liberi sabiex iressqu proposti dwar is-sit. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi dan kellu iseħħ.

2.5 Is-Sur E.M. qal illi rigward minuta 4.3 kien innota illi kienet twaħħlet tabella fi Triq Tonin Attard illi kienet tindika illi kienu ser isiru x-xogħolijiet fuq it-triq. Huwa żied illi għaldaqstant fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill Lokali kellu jikteb ittra lill-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar u jinfurmaha bil-problemi li kien hemm fit-triq in-kwistjoni. Kien hemm qbil illi dan għandu iseħħ.

2.6 Is-Sur Steven Grech qal illi rigward minuta 8.4 huwa xtaq jinforma lill-Kunsill illi l-proposta sabiex titwaħħal pillar box ġdida ma kentix ġiet aċċettata. Huwa żied jgħid illi l-proposta oriġinali tiegħu kienet illi isir ċaqliq ta' pillar box eżistenti u jitwaħħlu tabelli illi jindikaw illi l-pillar box kienet għall-użu tas-sajjieda.

## 3 Korrispondenza

Inqrat il-Korrispondenza kollha.

3.1 Permezz ta' ittra datata 5 ta' Settembru 2012, is-Sur Matthew Bugeja, f'isem l-Għaqda Żgħażagħ 8 ta' Mejju, Marsaxlokk, informa lill-Kunsill Lokali dwar proġett ta' armar ġdid għal Xatt is-Sajjieda u l-ħtieġa illi jsiru arbli fl-istess żona. Għal dan il-għan is-Sur Bugeja talab il-permess tal-Kunsill Lokali sabiex ikunu jistgħu jittaqqbu il-ħofor għall-arbli. Wara diskussjoni libera, u fuq il-bażi tal-fatt illi minn informazzjoni li kellu l-Kunsill Lokali il-pjan li kellha l-għaqda kkonċernata ma' kienx illi l-proġett isir fl-immedjat kien hemm qbil unanimu illi għall-festa ta' l-2013 isiru biss it-toqob ta' l-arbli li jkunu ser jintużaw. Dan anke in-vista tal-fatt illi kien hemm dubju dwar kemm is-siti identifikati mill-għaqda żgħażagħ 8 ta' Mejju kien jiflaħ strutturalment għax-xogħol propost. E.M. ippropona illi tintbagħat ittra lill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali sabiex tiġi evalwata l-possibilita' illi matul Xatt is-Sajjieda isir ċint bil-konkos man-naħa tal-baħar sabiex iservi ta'

protezzjoni għall-pedonali. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi kellha tintbagħat l-ittra msemmija. Fl-istess waqt, kemm il-darba ix-xogħol ikun ser isir, il-ħofor għall-arbli kellhom isiru fl-istess ċint.

3.2 Permezz ta' ittra datata 18 ta' Awissu 2012, is-Sur Anthony Muscat, bejjiegħ fis-Suq fil-beraħ ta' nhar ta' Ħadd, informa lill-Kunsill Lokali illi ma kienx ser ikun jista' jarma l-posta tiegħu bejn id-19 ta' Awissu 2012 u t-30 ta' Settembru 2012. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi s-Sur Muscat kellu jkun infurmat illi kienet ir-responsabilita' tal-bejjiegħa illi jkunu preżenti waqt it-tehid tar-rassenja għajr f'każi ta' mard, safar jew raġunijiet oħra validi li jkunu dokumentati.

3.3 E-Mail datat 13 ta' Settembru 2012 migħand is-Sur Matthew Fleri Soler li permezz tiegħu il-Kunsill Lokali intalab jevalwa l-possibilita' illi jissieħeb fl-iskema Community Service Orders. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif permezz ta' din l-iskema, individwu kien jiġi assenjat iwettaq numru ta' siegħat ta' servizz lill-komunita'. F'dan il-każ, kemm il-darba il-Kunsill jiddeċiedi illi jidħol għal din l-inizjativa, l-individwu magħżul kien ser iwettaq xogħol li jassenjalu l-Kunsill Lokali ġewwa Marsaxlokk. Kien hemm qbil unanimu illi għandu jidħol għal din l-inizjativa.

3.4 Permezz ta' e-mail datat 5 ta' Settembru 2012, is-Sinjura/ina Analise Falzon infurmat lill-Kunsill Lokal illi xtaqet twettaq kampanja ta' tindif fiż-żona ta' Xrobb l-Għaġin. Hija talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jipprovdi żewġ open skips flimkien ma xi ingwanti sabiex jitqassmu lil dawk li kienu ser ikunu qiegħdin jgħinu fit-tindif. Wara diskussjoni libera, li matulha tqajjem fost l-oħrajn il-fatt illi s-Sotto-Kumitat Żgħażagħ ukoll kien ser jorganizza attivita' simili, kien hemm qbil unanimu illi t-talba tas-Sinjura/ina Falzon kellha tiġi milqugħa.

3.5 Ittra datata 14 ta' Settembru mingħand is-Sinjorina Caroline Fenech ( impjegata tal-Kunsill lokali Marsaxlokk) li permezz tagħha, il-Kunsill Lokali ġie infurmat illi għall-perjodu Ottubru 2012- Ottubru 2013 is-Sinjorina Fenech kienet lesta illi tidħol xogħol kull nhar ta' Sibt hekk kif mitlub permezz ta' Memo 49/2012.

3.6 Permezz ta' ittra datata 11 ta' Settembru 2012, is-Sur Joe Attard, Kap Eżekuttiv ta' Green MT Ltd., talab laqgħa lill-Kunsill Lokali sabiex jiġi formalment diskuss ftehim ġdid bejn il-Kunsill Lokali u Green MT Ltd. E.M. qal illi filwaqt li kien jaqbel illi jsiru diskussjonijiet dwar ftehim ġdid, fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill Lokali kellu l-ewwel jara' x'kienu l-bżonnijiet tal-lokalita' sabiex jħaddem din l-iskema bl-aħjar mod possibbli. Għaldaqstant kellha tintbagħat ittra lis-Sur Attard illi permezz tagħha tiġi ċċarata din is-sitwazzjoni. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill għandu jimxi hekk kif kien ippropona E.M.

3.7 Permezz ta' e-mail datat 13 ta' Settembru 2012, is-Sur Christopher Galea, *monitoring officer* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, ressaq ilment illi l-istess dipartiment kien irċieva mingħand il-patrijiet Karmelitani tal-Monasteru li jinstab f'tas-Silġ. Wara li inqara l-ilment li kien jittratta l-istat ħażin ta' sqaq li kien imiss mal-Monasteru, kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbagħat ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, b'kopja lill-patrijiet Karmelitani illi din il-kwistjoni kellha tiġi diskussa ġaladarba ikunu tlestew ix-xogħolijiet li kienu qiegħdin isiru fuq il-Monasteru in-kwistjoni.

3.8 E-Mail datat 22 ta' Awissu 2012 mingħand is-Sur Mark Żammit, segretarju ta' l-Assoċjazzjoni Bejjiegħa tal-Monti, li permezz tiegħu il-Kunsill Lokali ġie mfakkar sabiex jidentifika ġurnata u ħin halli tkun tista' tinżamm laqgħa ma' l-istess Sur Żammit. E.M. qal

illi hekk kif deċiż aktar kmieni waqt l-istess seduta kellha tintbagħat ittra lis-Sur Żammit sabiex tiġi ċċarata l-pożizzjoni tal-Kunsill rigward is-Suq fil-beraħ

3.9 Permezz ta' e-mail datat 22 ta' Awissu 2012, is-Sur Raymond Farrugia, informa lill-Kunsill Lokali illi l-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali kien aċċetta it-talba li kienet saret mis-Sindku,f'isem il-Kunsill Lokali, sabiex l-istess Ministeru ikompli s-survey li kien sar f'Xatt is-Sajjieda sabiex jiġu inklużi ż-żona ta' bejn Pjazza Madonna ta' Pompei u Hunter's Tower u minn quddiem Triq is-Salvatur sal-faċilitajet tal-*hardstanding*.

3.10 Permezz ta' e-mail datat 18 ta' e-mail datat 18 ta' Awissu 2012, is-Sindku, f'isem il-Kunsil Lokali, bagħat ittra lis-Sinjura/ina Miriam Grech mid-dipartiment ta' l-Environmental Health sabiex jitlob informazzjoni dwar iż-żoni ta' l-għawn li jaqgħu taħt il-konfini ta' Marsaxlokk.

3.11 Permezz ta' e-mail datat 20 t'Awissu 2012, is-Sindku għadda ilment li kien irċieva rigward bżonn ta' sinjali tat-toroq fi triq il-Firilla. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba isiru s-sinjali matul it-triq kollha l-ispazju ta' parkeġġ kien ser jiġi ridott. Għaldaqstant kellhom isiru 1m *double yellow lines* mal-ġnub ta' garaxx illi dwaru kien hemm problema.

3.12 E-Mail datat 30 ta' Awissu 2012 li permezz tiegħu is-Sinjura/ina Nadia Farrugia, infurmat lill-Kunsill Lokali bi problema li kienu qiegħdin jinħolqu hekk kif tagħmel ix-xita ġewwa l-proprejta' tagħha li kienet tinstab f'6, Triq tas-Silġ Marsaxlokk. Is-Sinjura/ina Farrugia qalet illi kawża ta' volum kbir ta' ilma li jgħaddi mit-triq u l-fatt li t-triq kienet taqleb lejn ir-reisdenza tagħha kien qiegħed jidħlilha kwantita' kbira ta' ilma li ovvjament kienet tagħmel ħsara fuq il-proprjeta'. Is-Sindku qal illi kien spezzjona is-sit u kien ta' l-ideja illi jsir survey tal-bankina fiż-żona kkonċernata sabiex tiġi evalwata l-possibilita' illi din il-problema tiġi riżolta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan

3.13 E-mail datat 11 ta' Settembru 2012 mingħand l-avukat Angele Vella, uffiċjal legali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li permezz tagħha tressqu xi punti rigward erba' bye-laws li l-Kunsill Lokali kien qiegħed jitlob illi jiġu adottati għal-lokalita'. Permezz ta' l-email imsemmija il-Kunsill Lokali ġie mitlub jannetti *site plan* sabiex jiġi indikat liema żoni kienu ser jiġu eżentati mill-bye-laws ma' abbozz ta' bye-law rigward il-karrijiet. E.M. ippreżenta pjanta li bi qbil unanimu fuqha ġew identifikati ż-żoni hekk kif mitluba. Fl-istess e-mail is-Sinjura/ina Vella, filwaqt li infurmat lill-Kunsill Lokali illi d-dipartiment tagħha kien għadu qieghed jiddiskuti l-proposta ta' bye-law għal-latrini pubbliċi, talbet lill-Kunsill Lokali l-mottiv wara d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali illi tiġi adottata bye-law illi tipprojbixxi l-użu ta' *remote controlled model power boats, Aeroplanes u helicopters* ġewwa l-lokalita'. Kien hemm qbil unanimu illi r-raġuni wara din il-proposta kien l-istorbju illi kienet twettaq din l-attivita' u l-inkonvenjent li kien jinħoloq lir-residenti u lil dawk li jżuru Marsaxlokk. L-Avukat Vella infurmat ukoll illi d-dipartiment ghall-Gvern Lokali kien qieghed jibgħat xi emendi għall-proposta' ta' bye-law rigward l-attvitajiet fil-beraħ. Wara li nqraw l-emendi kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oġġezzjoni sabiex dawn jiġu inklużi mal-bye laws.

3.14 Permezz ta' e-mail datat 13 ta' Settembru 2012 is-Sur Matthew Bugeja, membru fi ħdan is-Sotto-Kumitat żgħażagħ, ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill proposta li l-istess Sotto-Kumitat kien qiegħed ħejja sabiex isir proġett mill-fond Ewropew Żgħażagħ fl-Azzjoni taħt il-kappa ta' l-Unjoni Ewropeja. Il-proposta li kienet tinkludi taħriġ u kampanja edukattiva dwar it-tindif kienet immirata għal-żgħażagh bejn il-15 u t-30 sena u kienet tilħaq il-qofol tagħha permezz ta' attivita' li kienet qiegħda tiġi ppjanata li tittella' għal tmiem Mejju 2013.

Wara li ġiet evalwata l-proposta fuq mozzjoni tas-Sur Angelo Micallef, issekondat mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill unanimament qabel illi s-Sotto Kumitat Żgħażagħ kellu jkompli jaħdem fuq din il-proposta sabiex iħejji l-applikazzjoni finali.

3.15 Permezz ta' e-mail datat 21 ta' Awissu 2012, is-Sinjura/ina Carol Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar problemi li kien hemm fil-ħinijiet tad-dħul u ħruġ ta' l-istudenti mill-iskola primarja. Fl-istess waqt is-Sinjura/ina Fenech talbet lill-Kunsill Lokali kopja tal-Minuti tas-seduti tal-Kunsill Lokali li matulhom kienet preċedentement ġiet diskussa din it-tema. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kopja tal-Minuti kienu intbagħtu lis-Sinjura/ina Fenech permezz ta' e-mail. Is-Sindku żied jgħid illi rigward din il-kwistjoni l-Kunsill Lokali kien kiteb lil Transport Malta illi kienet għaddiet is-suġġerimenti tagħha. Il-Kunsill Lokali min-naħa tiegħu kien ħa ħsieb illi jimplimenta s-suġġerimenti illi kienet għamlet Transport Malta.

*Is-Sur Edric Micallef ressaq proposta sabiex tinbidel il-proċedura tal-laqgħa u jkunu jistgħu jiġu diksussi l-ħatra ta' membri fi ħdan is-Sotto-Kumitat Żgħażagħ u l-approvazzjoni ta' ħlasijiet qabel l-items li kien hemm fuq l-aġenda. Din il-proposta għaddiet b'vot unanimu mill-Kunsilliera preżenti.*

**8 <u>Ħatra ta' membri fi ħdan is-Sotto-Kumitat Żgħażagħ</u>**

8.1 Is-Sur Steven Grech ressaq quddiem il-Kunsill Lokali lista ta' membri sabiex jiġu approvati ħalli jiffurmaw parti mis-Sotto-Kumitat Żgħażagħ. S.G. qal illi hekk kif deċiż mll-istess Kunsill Lokali dan is-Sotto-Kumitat kien jara lilu bħala Chairman filwaqt li l-Kunsillier A.M. kien qiegħed jiġi propost li jinħatar bħala segretarju. Minbarra dan l-ittra, li hija annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti, kienet qiegħda tipproponi numru ta' individwi bħala membri. Wara diskussjoni libera fuq proposta tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Angelo Micallef u li għaddiet b'votazzjoni ta' erba' favur u wiehed kontra il-Kunsill approva l-lista hekk kif proposta.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali għall-fatt illi s-Sotto-Kumitat in-kwistjoni kien qiegħed jiġi referut bħala Sotto-Kumitat Żgħażagħ, Kultura u Sport, meta il-Kunsill kien qabel illi jinħatar Sotto-Kumitat għaż-żgħażagħ. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-isem tas-Sotto-Kumitat għandu jinbidel sabiex jinqara Sotto-Kumitat dwar Żgħażagħ, Kultura u Sport.

**9 <u>Approvazzjoni ta' ħlasijiet</u>**

Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef u li ġiet issekondata mis-Sur Stephen Grech il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta' Pagamenti (Skeda Nru 06/12(NC)) li hi annessa ma' u li tifforma parti minn dawn il-Minuti.

Il-laqgħa spiċċat minħajr l-eżawriment ta' l-aġenda u fis-7:45p.m. u ġie aġġornata għal nhar it-Tlieta 25 ta' Settembru 2012.

**Edric Micallef**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**